**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 612/97

Arthur Wait
vs
Kap Kmandant Forzi Armati

Illum 4 ta’ Ottubru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u precizament fl-1992 hu sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn promozzjoni u maqbuz.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:-

Illi hu kien dahal fl-Armata fl-1979 wara diversi snin fis-servizz Ingliz u qatt ma kellu rapporti hziena jew avversi. Fl-1992 hargu l-promozzjonijiet ghal warrant officer u nqabez minn persuni ohra

ingustament ghaliex kellhom servizz, kwalifiki u esperjenza inqas minnu.

Illi hu kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku anness li jindika wkoll il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jordna li jigi promoss ghal warrant officer mill-1992 jew kif jidhirlu jew jekk dan mhux possibli jinghata rimedju billi jigi akkordat is-somma ta' hamest elef lira.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:-

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti;

Illi r-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta.

Illi r-rikors, fl-istat li gie notifikat lill-intimat huwa inammissibbli peress li m'huwiex akkumpanjat minn lista ta' xhieda fit-termini ta' l-Artikolu 7 (2) (a) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi r-rikors huwa inammissibli fit-termini ta' l-Artikolu 6 (2) billi l-ilment dwar il-promozzjonijiet li saru fil-1992 kien awtomatikament inkwadrat fil-kaz Numru 3698 (9.1.a) li diga gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li kien jifforma l-oggett ta' kawza quddiem il-Qrati. Ghalkemm fil-kaz imsemmi l-ilment tar-rikorrent li kien gie nvestigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kien rigward il-promozzjonijiet li nghataw b'effett mill-11 ta' Mejju 1988, l-istess Kummissjoni kienet irrakkomandat u l-Ufficju tal-Prim Ministru approva, biex isir ezercizzju gdid li jinkludi l-membri kollha tal-Fire Section. Dan l-ezercizzju kien ibbazat fuq il-principju li l-Officer Commanding tal-Fire Section jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu ibbazati fuq il-'kapacitajiet prezenti' ta' kull membru u li jigu elenkati skond ordni ta' mertu ghall-promozzjoni fir-rank li jmiss.

Fil-kaz tar-rikorrent dan gie elenkat it-tieni ghal promozzjoni ghal surgent u fil-fatt hu gie promoss tali fil-25 ta' Marzu 1994, s'intendi b'effett mill-11 ta' Mejju 1988.

Illi fl-istess rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji kien imsemmi li dawk li jigu ddikjarati eligibbli ghall-promozzjoni, dawn kellhom jigu kkunsidrati wkoll ghal xi promozzjoni ulterjuri- jekk ikun il-kaz- li setghu fil-frattemp saru eligibbli ghaliha in vista ta' din il-promozzjoni li huma kienu jiehdu fl-1988. In vista ta' dan ma jirrizultax li dan kien applikabbli fir-rigward tar-rikorrent.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` lix-xhieda bil-gurament.

Sema` l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fit-3 ta` Gunju, 1999 l-intimat irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet u t-Tribunal ordna l-allegazzjoni tal-process quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ra li fit-12 ta' Jannar 2000 it –Tribunal b'referenza ghall-eccezzjoni li r-rikors huwa inammissibli tar-rikors a bazi tal-Artikolu 6(2) tal-Att VIII tal-1997 minhabba li l-istess ilment diga` gie investigat minn din il-Kummissjoni, iddecida li l-ilment tar-rikorrent kien bazat fuq dak li gara fil-promozzjonijiet tal-1988, waqt li l-ilment odjern jirriferixxi ghall-promozzjonijiet tal-1992. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal cahad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li kien ghamel diversi korsijiet fit-tifi tan-nar. Semma li fl-1988 Angelo Muscat kien gie

promoss u hu u Paul Muscat le. Wara li ressqu ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u l-ilment gie milqugh fl-1994 gie mahtur Surgent b'effett mill-11 ta' Mejju, 1988

Zied jghid hekk:

Dwar il-kaz ma kienx ressaq ilment quddiem it-Tribunal ghaliex ha r-rimedju. Sadattant pero` fit-23 ta' Jannar 1992 wara li nholqu zewg vakanzi ghal Warant Officers, intghazel mill-gdid l-imsemmi Angelo Muscat u persuna ohra li pero` kienet senior tar-rikorrent. Qal li Angelo Muscat certament ma kienx senior tieghu u anke ma kellu xejn bhala kwalifiki. Ghalhekk sostna f' dawk il-proceduri li hu kellu jinhatar minnflok Angelo Muscat ezattament kif kellu jsir Surgent fl-1988 minnfloku u kif tatu ragun il-Kummissjoni. Kien dwar il-promozzjoni tal-1992 li r-rikorrent ressaq l-ilment quddiem it-Tribunal. Zied jghid li lil Angelo Muscat kien hu flimkien ma' persuni ohra li harrguh fit-tifi tan-nar.

Eventwalment meta spicca Angelo Muscat sar Warrant Officer; pero` talab li dan il-grad jigi konferit lilu b' effett mit-23 ta' Jannar 1992. Qal ukoll li l-fatt li sar Warrant Officer meta spicca Angelo Muscat jikkonferma li kieku ma sarx Angelo Muscat kien isir ir-rikorrent.

Hu fil-fatt sar Warrant Officer fl-1996.

Lt. Col. Schembri xehed li dwar l-ezercizzju tal-promozzjonijiet tal-1994 l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kienet investigat xi ilmenti li kienu saru dwar promozzjonijiet tal-1988 u hadet id-decizjoni li billi kien hemm xi inezattezzi jew affarijiet mhux cari ta' kif inhadmu l-promozzjonijiet tal-1988 kellu jsir ezercizzju iehor li bih kellhom jimtlew zewg postijiet minn Bumbardier ghal Surgent u hames postijiet minn Gunner ghal Bumbardier.

Fir-rapport taghha il-Kummissjoni qalet li dawn ghandhom jigu promossi b' effett mill-11 ta' Mejju, 1988 u ghandhom jigu kunsidrati wkoll ghal xi promozzjoni ulterjuri jekk ikun il-kaz li setghu fil-frattemp saru eligibbli ghaliha in vista ta' din il-promozzjoni li huma ser jiehdu kieku haduha fl-1988 [fol 39 highlighted bl-ahdar].

B'rizultat ta' dak id-dokument il-Forzi Armati ircevew direttivi mill-OPM u wara sar l-ezercizzju li kellu jsir bejn id-Direttur tal-Avjazzjoni Civili u l-Officer Commanding tal-Fire Section il-Maggur Pantalleresco dak iz-zmien u irrilaxxjaw rapport li esebieh markat "MS3" indirizzat lill-Brigadier Calleja fl-1993. Dan fih zewg appendici.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk ir-rikorrent fil-fatt ilmenta quddiem il-Kummissjoni dwar il-promozzjoni li ma hax fl-1988, u quddiem it-Tribunal li ma hax dik tal-1992. Fil-fatt kawza tad-decizzjoni tal-Kummissjoni hu lehaq fl-1994 b'effett mill-1988. Izda hu sostna li kawza tal-ewwel ingustizzja reggha baghta ohra fis-sens li fl-1992 ma sarx, u sostna li kieku ha l-ewwel promozzjoni kien jiehu t-tieni.

Jinghad li certament kawza tal-ewwel ingustizzja r-rikorrent ma giex kunsidrat ghat-tieni promozzjoni fl-1992, izda din hadha biss fl-1996. Li bniedem ma jiehux promozzjoni meta tkun haqqu tammonta ghal ingustizzja. Izda jinghad li ebda Tribunal jew Kummissjoni ma jistghu qatt igibu il-pusizzjoni perfetta ghal dak li kienet tkun kieku qatt ma saret ingustizzja u dan ghax anke jekk stess persuna tinghata l-promozzjonijiet kollha possibli li wiehed kien jiehu, u anke jekk jinghata l-flus kollha li tilef, xorta jibqghu s-snin ta' angoxxja u dwejjaq.

Ir-rikorrent wera li hu kien kwalifikat biz-zejjed biex jiehu l-promozzjoni ghax infatti hadha wara. It-Tribunal wara li qis ic-cirkostanzi kollha hu tal-fehma li l-eccezzjonijiet tal-intimat mhux gustifikati u jichadhom; izda fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ihoss li l-aktar opportun ikun kumpens finanzjarju.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li jhoss hu aktar opportun li r-rikorrent jinghata kumpens finanzjarju u mhux rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens lir-rikorrent ta' sitt mitt lira [LM600].

Spejjez kontra l-intimat.